# 8't ijiem sħaħ Bliet, Eskursjonijiet u Sport

**Mill-Gimgħa 3 sal-Ħamis 9 ta' Settembru 2021.**

*Inżuru Berchtesgaden, Salzburg,Bratislava u Vjenna. Btala mimlija attivitajiet f'postijiet pittoreski!*







### Il-Ġimgħa 3 ta' Settembru

Ninġabru l-ajruport fis-6.30 ta' filgħodu. Nitilqu mal-Air Malta lejn Munich. Nibdew billi nżuru l-Olympic complex u l-mużew tal-BMW (dħul mhux inkluż). Wara inqattgħu 5 sigħat fiċ-ċentru ta' Munich fejn inżuru Karlsplatz u Karlstor, u nidħlu fil-qalba antika tal-belt. It-triq prinċipali Neuhauserstrasse hija mimlija bini sabiħ, u ħwienet mill-aqwa u ta' kull xorta. Naraw il-Marienplatz imżejna bit-Townhall il-ġdida ta' stil Gotiku bl-arloġġ pittoresk. Nibqgħu sejrin tul it-Tal (wied) sa ma naslu sal-pont tax-xmara Isar. Hemm ħafna postijiet sbieħ x'wieħed jara, ilkoll jintlaħqu fi ftit minuti, fosthom Hofbrauhaus, Ludwigstrasse, il-knejjes Theatiner, Frauenkirche, Assam, il-posta, li tinsab f'palazz eleganti stil Taljan, il-palazz tar-re u t-teatru. Nitilqu bil-kowċ lejn Berchtesgaden, nieħdu l-kmamar u nieklu flimkien.

### Is-Sibt 4 ta' Settembru

Illum ser immorru Lag Hintersee li hija għadira b'xenarju mill-isbaħ. Nagħmlu 'canoeing' fuq l-għadira, u naqdfu bejn mogħdijiet imdawra b'foresti u qċaċet tal-muntanji. Wara l-ikel naqbdu cowċ li twassalna Hirschbichl fuq il-muntanji b'veduti sbieħ u nimxuwa sa Hintersee. Min ma jixtieqx jimxi jista jerġa jaqbad il-cowċ lura. Filgħaxija f'Berchtesgaden nieħdu pjaċir f' 'indoor swimming pool' kbira u sabiħa f'post jismu WatzmannTerme (dħul mhux inkluż), pixxina mill-aktar moderna, attrezzata b'ħafna faċilitajiet, bħal 'water slides' u 'jacuzzi'.

### It-Ħadd 5 ta' Settembru

L-avventura tal-llum tibda b'distillerija tal-birra Enzian Brennerei wara nmorru l-minjieri tal-melħ, esperjenza allegra minħabba l-kostum li nilbsu u ż-żurżieqa li niżżerżqu, nirkbu ferrovija u naqsmu l-għadira li tinstab taħt l-art. Wara nżuru Wimbach, gorge li jinsab fid-daħla ta' wied għoli massiv f'riġlejn il-Muntanja Watzmann, li huwa ġeoloġikament impressjonanti, kif ukoll monument naturali pittoresk. Wara l-ikla ta' filgħaxija nżuru ċ-ċentru ta' Berchtesgaden, fejn ingawdu dan l-ambjent rustiku u turistiku fl-istess ħin. Berchtesgaden, li sa xi mija u ħamsin sena ilu kienet belt Awstrijaka, għandha tifkiriet ta' slaten u nobbli li jimlew il-palazzi, meta kienu jiġu għall-kaċċa fil-foresti tagħha.

### It-Tnejn 6 ta' Settembru

Wara l-kolazzjon immorru l-Königsee, għadira qisha fjord li tinsab f'Park Naturali Bavarjan. Din hija l-aktar għadira nadifa fil-Ġermanja. Bil-lanċa ngħaddu minn bejn il-muntanji u mmorru sal-peniżola ta' San Bartholomä, nimxu fil-foresta u mal-għadira, u jkollna ħin liberu f'dak l-ambjent ta' ġmiel kbir naturali. Meta naslu lura l-lukanda nieklu u nmorru nqattgħu ftit ħin fiċ-ċentru ta' Berchtesgaden, nieklu u mmorru ice-skating.

### It-Tlieta 7 ta' Settembru

Nitilqu minn Berchtesgaden biex immorru Salzburg fl-Awstrija. Salzburg hija belt bi xmara għaddejja minn nofsha, ix-xmara Salzach, u wkoll il-belt fejn twieled il-kompożitur famuż Mozart. Naraw il-katidral u nistgħu nżuru l-kastell medjevali Hohensalzburg. Inżuru wkoll il-ġonna tal-Palazz Mirabelle. Naraw ħwienet żgħar u toroq dojoq, pontijiet b'dehriet fuq ix-xmara u palazzi stil tar-rinaxximent Taljan. Wara nibqgħu sejrin lejn Bratislava, li hija l-belt kapitali tar-Repubblika Slovakka. Naslu għall-ħin l-ikla ta' filgħaxija.

### L-Erbgħa 8 ta' Settembru

Illum nesploraw Vjenna mal-gwida. Vjenna kellha rwol essenzjali bħala ċ-ċentru tal-mużika ewlenija fl-Ewropa. Għalhekk, Vjenna baqgħet tissejjaħ il-'kapitali mużikali' tal-Ewropa. Vjenna hija rikka wkoll fl-arkitettura, partikolarment b'bini majestuż u ġonna Barokki. Inżuru Ringstrasse tas-Seklu 19 miksija b'bini grandjuż, monumenti u parkijiet. F'nofsinhar immorru naraw l-Anker Clock idoqq. Wara mmorru iz-zoo ta' Schonbrunn u min irid jista jżur ukoll il- Palazz u diversi attrazzjonijiet oħra li hemm. Lura lejn Bratislava għall-aħħar ikla ta' filgħaxija flimkien.

### Il-Ħamis 9 ta' Settembru

Dalgħodu nduru Bratislava u naraw il-kastell li jiddomina din il-belt. Nitilgħu t-torri għoli 47 metru fejn naraw veduta mill-isbaħ tal-belt u l-pajjiżi ġirien. Il-belt il-qadima hija pjuttost żgħira; nimxu 'l isfel lejn il-Katidral Gotiku ta' San Martin tas-Seklu 15 u naraw Michael's Gate, l-uniku bieb medjevali preservat, u l-isbaħ triq Kapitulska li tagħti l-illużjoni li morna lura fiż-żmien lejn l-antik. Fis-2.30pm nitilqu lejn l-ajruport fejn b'titjira mar-Rynair naslu Malta fit-8 ta' filgħaxija.

**Prezz ta €895 kull persuna f'kammra doppja Half Bord jinkludi :**

- It-titjira lejn Munich bl-Airmalta u lura minn Bratislava bir-Ryanair
- Bagalja ta' 10 kili kull persuna u handbag
- 4 t'iljieli f'lukanda quddiem il-lag f'Hintersee
- 2 t'iljieli fil-lukanda Ibis fi Bratislava
- Kollazjon u l-ikla ta' fil-għaxija + packed lunch meta nkunu fl-ewwel lukanda
- Gwida Maltija u oħra f' Bratislava u Vjenna
- L-eskursjonijiet imsemmija
- Attivitajiet inklużi canoeing u hiking.
- Entraturi inklużi fil-prezz l-Enzian Brennerei, is-Salt mines, id- dagħjsa fuq il-Königsee u x-Schönbrunn Zoo

Kamra tal-wieħed:.......................................€xxx
Kamra tripla: €xxx ............. għal kull persuna
Tfal (6 sa 12-il sena):............€xxx kull wieħed

**YTC** - 227, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta. Tel: 2122 2040 / Mob: 7979 2040 • info@ytc.com.mt • www.ytc.com.mt

*Kulħadd mistieden jivvjaġġa mal-YTC filwaqt li jieħu u jagħti gost fil-kumpanija familjari tagħna. Il-kowċis li nużaw huma komdi, u fihom biżżejjed postijiet biex kulħadd joqgħod fil-postijiet skont ir-regoli tal-pandemija. Persuni li jieħdu kamra ta' wieħed iridu jħallsu d-differenza skont kif jidher fil-prezz. Issir laqgħa għall-grupp kollu xi 4 ġimgħat qabel it-tluq tal-grupp. Importanti li ma titilfuhiex għax jingħataw avviżi utli ħafna għas-safra. Biex tibbukkja jrid ikollok passaport validu sal-aħħar ġurnata tas-safra. Importanti ħafna li tkunu inxurjati għas-safra kollha. Jekk tridu tafu aktar dwar l-assikurazzjoni li noffru aħna, ikkuntattjawna u naqdukom mill-aħjar.*

Insolvency Fund 2021 PROTECTED